# BIEX INKUNU FERĦANIN

Ftit qabel l-Għid għandu joħroġ ktieb bl-isem ta' *DUN MIKIEL ATTARD - INKUNU FERĦANIN BILLI NKUNU QADDISIN.*




Dan il-ktieb ser ikun fih erbgħa u sittin paġna bil-kulur, bil-pitturi oriġinali maħdumin mill-artista Taljana Anna Formaggio li hija minn Milan. Il-ktejjeb huwa ddestinat għat-tfal u għall-adolexxenti imma żgur li jagħmel il-ġid lil dawk l-adulti li jaqrawh.

Dawk interessati għandhom isegwu l-avviż li se joħroġ dalwaqt dwar kif wieħed jista' jakkwista kopja ta' dan il-ktejjeb interessanti.

Dan il-ktejjeb għandu jimla l-vojt lil dawk it-tfal u l-adolexxenti tal-parroċċa tagħna illi żgur semgħu lill-ġenituri u lin-nanniet jitkellmu fuq is-saċerdot Dun Mikiel.

***L-Arċipriet***

**TFAL FIL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA**

Dawk it-tfal kollha minn Year 3 'il fuq li jixtiequ jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, għandhom jiġu jinkitbu flimkien mal-ġenituri tagħhom nhar **l-Erbgħa u l-Ħamis 15 u 16 ta' Marzu bejn l-4:30pm sas-6:00pm fil-maħżen tal-Ġimgħa Kbira** li jinsab fi Triq il-Kappillan (taħt iċ-Ċentru Parrokkjali).

**L-AVVIŻI:**

**KARITÀ FIR-RANDAN:** ħdejn il-bibien qed issibu kaxxi fejn, min jogħġbu, jista' jpoġġi oġġetti bħas-soltu biex jitqassmu skont il-ħtiġijiet fid-djoċesi tagħna. Grazzi.

**CINEMA4KIDZ:** mill-ġdid dan is-Sibt 11 ta' Marzu bejn il-5:30pm u s-7:30pm għal tfal minn Year 4 sa Form 1, fiċ-Ċentru Parrokkjali. Wara l-attività ta' dan il-weekend ikun fadal biss darb'oħra, is-Sibt 25 ta' Marzu, fl-istess ħin.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 15 ta' Marzu, fis-5:45pm, fil-knisja parrokkjali tagħna. Imexxi Dun Salv Muscat bis-sehem ta' Fr Joe Cardona. Ejja int u ħajjar lil ħaddieħor.

**ĦARĠA GĦALL-ANZJANI F'MALTA**: organizzata mill-Kunsill Lokali. Nhar l-Erbgħa 22 ta' Marzu. Tinkludi kolazzjon, quddiesa l-Isla, żjara ġewwa l-Palazz tal-Inkwiżitur u ikla l-Imġarr. Dettalji mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**ĠURNATA TA' SPIRITWALITÀ F'KEMMUNA:** nhar is-Sibt 25 ta' Marzu. Miftuħa għal kulħadd. Imexxi Dun Ġużepp Attard.
8:30am - Tluq minn fejn iċ-Ċentru Parrokkjali.
2:30pm - Tluq lejn Għawdex
Għal aktar informazzjoni kellmu lil Dun Ġużepp fuq 99847099 jew inkella permezz tal-email monsjosephattard@gmail.com; lil Ġuża Sammut fuq 99228906 jew Tonina Sammut fuq 21553041. Il-booking huwa importanti minħabba t-trasport tal-lanċa, li l-prezz tagħha huwa ta' €10. Kulħadd iġib packed lunch miegħu.

**Bniedem kuraġġuż:** Randol Plunkett wiret madwar 1,600 ettaru ta' art ġewwa l-Irlanda. Dan Plunkett huwa wieħed mis-sidien ta' marka famuża ta' butir li tinbiegħ hawn Malta. Plunkett qiegħed jaħdem sabiex ir-raba' agrikolu tiegħu jirritornah għall-istat selvaġġ. Wieħed mis-suċċesi li kellu huwa li issa għandu tnax-il woodpecker fil-masġar, wara li dawn kien ilhom ma jidhru hemmhekk fuq mitt sena.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am